**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0031/2024**

9.12.2024

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill RESTORE – Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057
(COM(2024)0496 – C10-0147/2024 – 2024/0275(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali;

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteurs: Andrzej Buła, Younous Omarjee

(Proċedura simplifikata – l-Artikolu 52(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_COD_1app

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........7

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........8

VALUTAZZJONI BAĠITARJA MAĦRUĠA MILL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS ..........9

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........18

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill RESTORE – Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057**
**(COM(2024)0496 – C10-0147/2024 – 2024/0275(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0496),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 164, l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0147/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja meħuda mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Novembru 2024[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-21 ta' Novembru 2024[2],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60, 59 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A10-0031/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fit-22 ta' Ottubru 2024, il-proposta RESTORE (Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni, COM(2024)0496 – 2024/0275(COD)) ġiet riferuta lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) u lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) għal proċedura konġunta skont l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura. Din il-proposta hija reazzjoni għall-għargħar katastrofiku li affettwa ċerti pajjiżi Ċentrali u tal-Lvant tal-UE u għan-nirien fil-foresti li laqtu diversi reġjuni Portugiżi f'Settembru 2024. Fl-aħħar ta' Ottubru, ftit jiem biss wara l-pubblikazzjoni tal-proposta, ix-xita torrenzjali bla preċedent fil-Lvant ta' Spanja li kkawżat għadd xokkanti ta' mwiet u li rriżultat f'telf materjali enormi, ġiet enfasizzata l-urġenza ta' rispons tal-UE għal katastrofi kkawżati mill-klima.

Il-korapporteurs jixtiequ l-ewwel jesprimu l-akbar solidarjetà tagħhom maċ-ċittadini u r-reġjuni li dan l-aħħar ġew affettwati mid-diżastri naturali reċenti devastanti, li esperjenzaw tbatija u telf enormi. Huma jixtiequ wkoll ifaħħru l-isforzi ta' dawk li jagħtu l-ewwel rispons, l-organizzazzjonijiet umanitarji u l-awtoritajiet lokali fl-għoti ta' għajnuna immedjata. Meta ffaċċjati b'dawn id-diżastri, il-korapporteurs jappoġġjaw l-azzjoni diliġenti kollha tal-Parlament lejn in-nies u t-territorji affettwati. Huma jixtiequ jissottolinjaw li għamlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li l-miżuri proposti, li għandhom l-għan li jappoġġj»«aw lill-Istati Membri u lir-reġjuni fl-isforzi ta' rikostruzzjoni tagħhom u li jipprovdu liċ-ċittadini affettwati bl-assistenza materjali bażika li jeħtieġu, jilħqu t-triq mill-aktar fis possibbli.

Il-korapporteurs jenfasizzaw ukoll l-importanza li jiġi implimentat prinċipju ta' "bini mill-ġdid aħjar", li għandu jirriżulta fil-bini ta' infrastruttura sostenibbli u reżiljenti li tkun kapaċi tiflaħ aħjar għal kwalunkwe diżastru naturali futur possibbli. Madankollu għandha tingħata attenzjoni biex l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tiġi implimentata mingħajr ebda piż amministrattiv jew legali addizzjonali għat-territorji, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet lokali li diġà huma affettwati minn diżastru, u li diġà qed jippruvaw jibnu mill-ġdid u jirrestawraw l-postijiet affettwati

Il-Parlament jenfasizza wkoll li l-politika ta' koeżjoni trid tibqa' politika fit-tul, ibbażata fuq l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 174 u 175 tat-TTFUE. Il-Parlament huwa mħasseb li l-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, inkluż kif previst mill-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew+, spiss tintuża bħala għodda ta' rispons ta' emerġenza, u jissottolinja li dan l-approċċ jirrappreżenta riskju għall-objettivi ta' politika u ta' investiment fit-tul tal-politika ta' koeżjoni

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM

## ENTITAJIET JEW PERSUNI LI ANDRZEJ BUŁA (RAPPORTEUR) IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## ENTITAJIET JEW PERSUNI LI YOUNOUS OMARJEE (RAPPORTEUR) IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| Permanent Representation of Hungary to the EU |
| Permanent Representation of Portugal to the EU |
| Ministry of European Affairs of France |
| European Commission, DG REGIO |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Baġits*

**2024/0275(COD)**

22.11.2024

# VALUTAZZJONI BAĠITARJA

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill RESTORE – Appoġġ Reġjonali ta’ Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057
(COM(2024)0496 – C10-0147/2024 – 2024/0275(COD))

Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja: Sandra Gómez López

PA_LegEvaluation

## VALUTAZZJONI BAĠITARJA

**għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill RESTORE – Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057**
(COM(2024)0496 – C10-0147/2024 – 2024/0275(COD))

Bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Baġits ħareġ valutazzjoni baġitarja tal-proposta u kkonkluda dan li ġej:

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[2] (ir-Regolament QFP),

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[3] (FII),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Italja, lis-Slovenja, lill-Awstrija, lill-Greċja u lil Franza fir-rigward ta' sitt diżastri naturali li seħħew fl-2023[5],

A. billi l-proposta ma timmodifikax l-impenji baġitarji eżistenti u tibqa' fil-limiti tal-allokazzjonijiet ġenerali għall-perjodu 2021-2027 u għalhekk għandha newtralità baġitarja;

B. billi l-effett ikkombinat ta' prefinanzjament ta' 30 %, kofinanzjament ta' 100 % u l-eliġibbiltà għal operazzjonijiet fiżikament ikkompletati jew implimentati bis-sħiħ sal-1 ta' Jannar 2024 fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), filwaqt li jitqies il-limitu massimu għar-

---

[1] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[2] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj.
[3] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.
[4] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2012/oj.
[5] Testi adottati, P10_TA(2024)0015.

riprogrammazzjoni ta' 10 % tal-allokazzjoni totali tal-2021-2027, iwassal għal forniment parzjali minn qabel tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, segwit minn pagamenti aktar baxxi fi stadju aktar tard:

| | | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0.000 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | **0.000** |
| | Pagamenti | (5) | 0.000 | 3 000.000 | 4 003.600 | -7 003.600 | **0.000** |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0.000 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | **0.000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 2a** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0.000** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | **0.000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0.000** | **3 000.000** | **4 003.600** | **-7 003.600** | **0.000** |

C. billi l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta ma tqisux fl-abbozz tal-baġit għall-2025;

D. billi l-ittra emendatorja għall-baġit 2025 tinkludi żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament fir-rigward tad-diżastri naturali għal ammont ta' EUR 3 000 miljun għall-FEŻR;

1. Ifakkar li l-Parlament talab ripetutament għal aktar riżorsi għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) fid-dawl tal-għadd u l-intensità dejjem akbar tad-diżastri naturali, b'mod partikolari dawk marbuta mat-tibdil fil-klima, u l-ħtieġa li jitħaffu l-proċeduri sabiex l-appoġġ jilħaq lill-Istati Membri u lir-reġjuni milquta minn diżastri naturali aktar malajr; jinnota li l-proposta RESTORE tipprovdi assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 tagħhom biex jirrispondu għal tali diżastri; jiddispjaċih li l-politika ta' koeżjoni qed terġa' tintuża bħala għodda ta' rispons ta' emerġenza u jsostni li dan l-approċċ jirriskja li jdgħajjef l-objettivi ta' politika u ta' investiment aktar fit-tul tagħha u huwa sintomu ta' nuqqas ta' flessibbiltà u kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet fil-baġit tal-UE; jirrikonoxxi li din il-proposta toffri soluzzjoni prammatika 'il quddiem biex l-insuffiċjenza tal-flessibbiltà baġitarja u tal-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet fil-baġit tal-UE tkunu tista' tiġi indirizzata, sabiex tipprovdi rispons rapidu għall-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet milquta; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar flessibbiltajiet fil-qafas regolatorju li jkopri r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), il-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-FSE+ sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jgħinu lir-reġjuni affettwati b'mod aktar effettiv;

2. Jinnota li l-Kummissjoni ma tistenna l-ebda implikazzjoni għall-baġit għall-2024;

3. Jinnota wkoll li għall-2025 il-Kummissjoni tipproponi approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali għall-FEŻR ta' total ta' EUR 3 000 miljun permezz tal-ittra emendatorja (AL); jirreferi għall-ħtiġijiet ta' pagament stmati fl-2025 ta' ammont inizjali ta' EUR 3 000 miljun fil-proposta RESTORE, li minnhom EUR 2 070 miljun għall-FEŻR u EUR 930 miljun għall-FSE+; jiddispjaċih dwar l-inkonsistenza fiċ-ċifri bejn it-tagħlim għall-adulti (AL) u d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni konsistenti u rettifika, fejn meħtieġ; jinnota wkoll li l-pagamenti fl-2025 marbuta ma' din il-proposta ma jqisux li, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex fil-pussess ta' stimi tal-użu inizjali mill-Istati Membri jew tal-volumi potenzjali tal-ħtiġijiet ġenerali, inkluż dwar il-prefinanzjament;

4. Jistenna li l-Kummissjoni, fl-abbozz ta' baġit tagħha għall-2026, tqis il-ħtiġijiet ta' pagament aġġornati għall-FEŻR u l-FSE+ wara r-riprogrammazzjoni reali mill-Istati Membri u żżomm lill-Parlament infurmat fil-ħin dwar l-evoluzzjoni tal-użu RESTORE fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fir-riprogrammazzjoni tar-riżorsi disponibbli taħt il-FEŻR u l-FSE+ u tivvaluta malajr il-programmi modifikati permezz ta' proċeduri simplifikati sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet l-aktar urġenti fl-Istati Membri affettwati;

5. Jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni traċċabbli fil-forma ta' rapporti f'waqthom, inkluża informazzjoni dwar it-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060 lill-FEŻR u l-FSE+ u dwar il-previżjonijiet tal-pagamenti għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 biex l-impatt ta' RESTORE jkun identifikabbli b'mod ċar għall-awtorità baġitarja;

6. Jinnota li l-livell tar-RAL (*reste à liquider*) għall-Intestatura 2a baqgħu għoljin fi tmiem l-2023, b'ammont ta' EUR 154 864 miljun; ifakkar li l-ammont ekwivalenti għad-diżimpenji fuq ir-RAL li saru mill-2021 b'mod kumulattiv jista' jsir disponibbli għall-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI); jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi analiżi ulterjuri tal-impatt ta' RESTORE fuq l-EURI;

7. Jinnota li l-pagamenti għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 kienu f'livell baxx ħafna fl-ewwel snin ta' implimentazzjoni, li wassal għal żieda fil-ħtiġijiet ta' pagament fis-snin ta' wara; ifakkar li dan iċ-ċiklu ta' pagament attwali ma jikkoinċidix mal-profil tal-pagamenti aktar lineari stabbilit fir-Regolament QFP u li din is-sitwazzjoni tirriżulta fir-riskju li jinqabżu l-limiti massimi tal-pagamenti fis-snin ta' wara; iqis li l-antiċipazzjoni tal-pagamenti lejn l-2025 u l-2026 tista' ttaffi l-pressjoni fuq il-pagamenti; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tal-pagamenti u tipprovdi informazzjoni f'waqtha lill-Parlament f'dan ir-rigward, u jekk ikun hemm bżonn, tipproponi kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa lill-awtorità baġitarja;

8. Jinnota li, skont il-Kummissjoni, l-appoġġ taħt RESTORE jitqies li ma jbiddilx il-kontribuzzjoni tal-FEŻR u tal-FSE+ għall-miri klimatiċi kif stabbilit fil-punt 16 tal-FII; jissottolinja, madankollu, li r-riprogrammazzjoni u l-inklużjoni ta' miżuri ta' tiswija u rikostruzzjoni, b'mod partikolari bl-appoġġ tal-FEŻR, jistgħu jwasslu biex ir-riżorsi jiġu trasferiti minn interventi b'koeffiċjent ogħla fil-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima għal dawk b'koeffiċjenti reali aktar baxxi, u b'hekk potenzjalment

jitnaqqas l-infiq li jappoġġja l-objettivi klimatiċi; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma għamlitx valutazzjoni tal-impatt tal-proposta dwar ir-rekwiżit għall-infiq fuq il-klima jew il-klassifikazzjoni tal-infiq relatata mal-klima; jilqa' l-impenn dwar il-bini mill-ġdid aħjar bħala l-aħjar mod biex tiġi żgurata l-effettività tal-infiq u l-konformità mal-objettivi klimatiċi tal-UE;

9. Jibża' li l-frekwenza u l-intensità mgħaġġla tad-diżastri naturali u definizzjoni wiesgħa ta' "diżastru naturali" jistgħu jwasslu għal emendi fil-programm aktar milli stmat, u b'hekk potenzjalment iwasslu għal ħtiġijiet ta' pagament ogħla mill-istima li għadhom ma ġewx ikkunsidrati għas-snin li ġejjin;

10. Jenfasizza l-importanza li jiġi evitat il-finanzjament doppju u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-appoġġ fl-ambitu ta' RESTORE jkun addizzjonali għall-appoġġ skont il-programmi tal-Unjoni, inkluż il-FSUE;

11. Jikkonkludi li l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill RESTORE – Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057 hija kompatibbli mal-elementi msemmija fl-Artikolu 58(3) tar-Regoli ta' Proċedura.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL VALUTAZZJONI BAĠITARJA RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | RESTORE - Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057 |
| **Referenzi** | COM(2024)0496 – C10-0147/2024 – 2024/0275(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | EMPL REGI |
| Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>13.11.2024 |
| **Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja**<br>Data tal-ħatra | Sandra Gómez López<br>12.11.2024 |
| **Artikolu 59 – Proċedura b'kumitati assoċjati**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | 13.11.2024 |
| **Eżami fil-kumitat** | 21.11.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.11.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 29<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Georgios Aftias, Isabel Benjumea Benjumea, Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Thomas Geisel, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Fabienne Keller, Janusz Lewandowski, Giuseppe Lupo, Ignazio Roberto Marino, Fernando Navarrete Rojas, Matjaž Nemec, Danuše Nerudová, Ruggero Razza, Bogdan Rzońca, Hélder Sousa Silva, Nicolae Ştefănuță, Joachim Streit, Carla Tavares, Nils Ušakovs, Auke Zijlstra |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Moritz Körner, Tiago Moreira de Sá |
| **Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali** | Christophe Bay, Udo Bullmann, Andrzej Buła, Gheorghe Falcă, Ştefan Muşoiu, Jan-Christoph Oetjen |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

| 29 | + |
|---|---|
| ECR | Ruggero Razza, Bogdan Rzońca |
| PPE | Georgios Aftias, Isabel Benjumea Benjumea, Andrzej Buła, Gheorghe Falcă, Janusz Lewandowski, Fernando Navarrete Rojas, Danuše Nerudová, Hélder Sousa Silva |
| PfE | Christophe Bay, Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Tiago Moreira de Sá |
| Renew | Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Joachim Streit |
| S&D | Udo Bullmann, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Giuseppe Lupo, Ştefan Muşoiu, Matjaž Nemec, Carla Tavares, Nils Ušakovs |
| Verts/ALE | Ignazio Roberto Marino, Nicolae Ştefănuță |

| 2 | - |
|---|---|
| NI | Thomas Geisel |
| PfE | Auke Zijlstra |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | |
|---|---|---|
| **Titolu** | RESTORE - Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057 | |
| **Referenzi** | COM(2024)0496 – C10-0147/2024 – 2024/0275(COD) | |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 21.10.2024 | |
| **Kumitat responsabbli** | EMPL | REGI |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Andrzej Buła<br>15.11.2024 | Younous Omarjee<br>15.11.2024 |
| **Artikolu 59 – Proċedura b'kumitati assoċjati**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | 13.11.2024 | |
| **Proċedura simplifikata – data tad-deċiżjoni** | 25.11.2024 | |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.11.2024 | |
| **Data tal-adozzjoni** | 25.11.2024 | |
| | BUDG<br>21.11.2024 | |
| **Date tat-tressiq** | 10.12.2024 | |